**286. Il-KAP TAL-OPPOŻIZZJONI L-ONOR. SIMON BUSUTTIL JIPPROPONI S-SEGWENTI:**

Peress illi fis-seduta numru 330 tat-23 ta' Novembru 2015 l-Ispeaker Anglu Farrugia ddeċieda b'*ruling* "dwar inċidenti li nqalgħu fil-Kamra fis-Seduta 329 tal-20 ta' Novembru 2015" u f'liema, is-Sedja ddeċidiet b'applikazzjoni tal-Ordni Permanenti 60 li tordna lill-Onor. Marlene Farrugia tirtira l-kliem li qalet fil-konfront tal-Onor. Joe Debono Grech u ċjoe dawk ta' "purċinell" u kliem ieħor li s-Sedja jirriżultalha li l-Onor. Farrugia nstemgħet tgħid – għalkemm ġie nnegat – fosthom dak ta' "korrott". Is-Sedja ordnat ukoll lill-Onor. Joe Debono Grech jirtira l-kliem li qal fil-konfront tal-Onor. Marlene Farrugia meta qal "Niġi ħdejk u nifqgħak".

Peress illi fl-hekk imsejjaħ inċident jirriżulta ampjament li fih nstema' l-kliem li ingħad mill-Onor. Joe Debono Grech fil-konfront tal-Onor. Marlene Farrugia "Niġi ħdejk u nifqgħak" dikjarazzjoni ta' azzjoni li ġiet ikkonfermata mill-istess Sedja mill-investigazzjoni li hija għamlet direttament mill-Onor. David Agius, mill-Onor. Marlene Farrugia, mill-Onor. Godfrey Farrugia, mill-Onor. Deborah Schembri kif ukoll kif ġie ammess mill-istess Onor. Joe Debono Grech meta l-istess Sedja qalet "Ikkonferma wkoll li f'dak il-mument qal id-diskors "Niġi ħdejk u nifqgħak" (fol 3)"

Peress illi dan huwa diskors ferm iktar gravi u li jaqbeż dak sempliċement offensiv kif indikat fl-imsemmi Ordni Permanenti 60 u għalhekk is-Sedja ma applikatx korrettement l-Ordnijiet Permanenti għax kellha tagħti protezzjoni ferm ikbar u iktar diretta lill-imsemmija Onor. Marlene Farrugia u dan sija min-natura tad-dikjarazzjoni kif ukoll għax ma jistgħux bl-ebda mod jiġu ekwiparati jew bilanċjati ma' kliem dispreġġjattiv reċiproku.

Peress illi, inoltre, l-aġir tal-Onor. Joe Debono Grech kien wieħed ferm aggressiv u intimidatorju u mhux biss kwistjoni ta' lingwaġġ, liema aġir ma ġiex imsemmi u wisq anqas iċċensurat mis-Sedja.

Peress illi allura jirriżulta ċar li s-Sedja trattat bl-istess mod lil min ġie mhedded u nsultat bħal dak li hedded u insulta, ħaġa li tmur kontra kull sens ta' ġustizzja.

Peress ukoll li s-Sedja applikat u interpretat ħażin l-imsemmija Ordni Permanenti 63 sub-inċiż (1) għax għalkemm il-President tal-Kumitat għandu numru ta' poteri, dan ma jfissirx li l-iSpeaker huwa eżenti milli jeżerċita d-dmir tiegħu u jieħu l-passi dixxiplinari neċessarji.

U billi l-Ordni Permanenti 62 jipprovdi li kull Membru jkun jista' b'mozzjoni magħmula wara avviż u fi żmien jumejn mill-għoti ta' dik id-deċiżjoni jagħmel mozzjoni li dik id-deċiżjoni tal-iSpeaker tiġi reveduta.

Għalhekk din il-Kamra taqbel u tirrisolvi li r-Ruling tal-iSpeaker li ngħata fis-seduta 330 ta' nhar it-23 ta' Novembru 2015 għandu jiġi mibdul u l-Onor. Joe Debono Grech għandu jiġi kkundannat u sospiż mill-Kamra skont l-Ordni Permanenti 64 stante li qal kliem offensiv gravi u aġixxa b'mod aggressiv u ntimidatorju fil-konfront tal-Onor. Marlene Farrugia.

Onor. Simon Busuttil
Kap tal-Oppożizzjoni
24 ta' Novembru 2015

**F'seduta 333 tal-25 ta' Novembru 2015 il-Prim Ministru, l-Onor. Joseph Muscat, ressaq din l-emenda "A":-**

Din il-Kamra:

TIRRIJAFFERMA l-konvinzjoni li l-ispirtu ta' diskussjoni f'dan il-Parlament għandu dejjem ikun wieħed kostruttiv u ta' rispett reċiproku;

TAPPELLA lill-Membri kollha biex f'kull ħin iżommu ma' dan is-sens ta' diskussjoni kostruttiva;

TIFHEM li x-xandir televiżiv tas-seduti Parlamentari, li żied it-trasparenza, ikabbar il-bżonn ta' konfront politiku kostruttiv;

TĦOSS li x-xandir m'għandux ikun mezz li bih tiżdied l-animosità iżda mod ta' kif issir kommunikazzjoni aktar kredibbli mal-poplu;

ISSOSTNI bla ekwivoku li l-ebda lingwaġġ, provokazzjoni jew azzjoni li jistgħu jiftiehmu li jinċitaw vjolenza u disrispett ma huwa posthom fis-soċjetà tagħna u lanqas fil-Parlament;

TFAKKAR ix-xogħol li sar minn leġiżlaturi sussegwenti fil-ħidma kontra l-vjolenza domestika u tipi oħra ta' vjolenza kontra n-nisa kif ukoll sezzjonijiet oħra tas-soċjetà;

TINNOTA u tilqa' l-ittra ta' apoloġija li bagħat l-Onor. Joe Debono Grech u tapprezza s-sens ġenwin tagħha anki fl-isfond tad-dedikazzjoni sħiħa li wera fil-ħajja personali u familjari tiegħu, u li fi kliemu stess tibgħat messaġġ ċar lejn il-pubbliku f'dan il-jum iddedikat kontra kull forma ta' abbuż u vjolenza lejn in-nisa;

TIDDIKJARA li dan jibqa' impenn kostanti tal-Gvern u ta' dan il-Parlament.

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali, l-Onor. Louis Grech, issekonda.

**Bil-permess tal-Kamra l-Prim Ministru rtira l-emenda "A".**

**F’seduta 333 tal-25 ta’ Novembru 2015 il-Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili, l-Onor. Helena Dalli ressqet din l-Emenda “B”:-**

Il-kliem minn wara l-kliem “Peress illi” sal-kliem “intimidatorju fil-konfront tal-Onor. Marlene Farrugia” għandu jiħassar u minfloku jidħol dan li ġej :-

“din il-Kamra:

TIRRIJAFFERMA l-konvinzjoni li l-ispirtu ta’ diskussjoni f’dan il-Parlament għandu dejjem ikun wieħed kostruttiv u ta’ rispett reċiproku;

TAPPELLA lill-Membri kollha biex f’kull ħin iżommu ma’ dan is-sens ta’ diskussjoni kostruttiva;

TIFHEM li x-xandir televiżiv tas-seduti Parlamentari, li żied it-trasparenza, ikabbar il-bżonn ta’ konfront politiku kostruttiv;

TĦOSS li x-xandir m’għandux ikun mezz li bih tiżdied l-animosità iżda mod ta’ kif issir kommunikazzjoni aktar kredibbli mal-poplu;

ISSOSTNI bla ekwivoku li l-ebda lingwaġġ, provokazzjoni jew azzjoni li jistgħu jiftiehmu li jinċitaw vjolenza u disrispett ma huwa posthom fis-soċjetà tagħna u lanqas fil-Parlament;

TFAKKAR ix-xogħol li sar minn leġiżlaturi sussegwenti fil-ħidma kontra l-vjolenza domestika u tipi oħra ta’ vjolenza kontra n-nisa kif ukoll sezzjonijiet oħra tas-soċjetà;

TINNOTA u tilqa’ l-ittra ta’ apoloġija li bagħat l-Onor. Joe Debono Grech u tapprezza s-sens ġenwin tagħha anki fl-isfond tad-dedikazzjoni sħiħa li wera fil-ħajja personali u familjari tiegħu, u li fi kliemu stess tibgħat messaġġ ċar lejn il-pubbliku f’dan il-jum iddedikat kontra kull forma ta’ abbuż u vjolenza lejn in-nisa;

TIDDIKJARA li dan jibqa’ impenn kostanti tal-Gvern u ta’ dan il-Parlament.”.

Il-Prim Ministru ssekonda.

L-emenda għaddiet b’votazzjoni

**Il-mozzjoni kif emendata għaddiet b’votazzjoni f’Seduta 333 tal-25 ta’ Novembru 2015**